MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2011

Avviz Numru. 476/2010

**Fl-atti ta' l-Avviz bin-Numru 1212/01AE fl-ismijiet:**

**Marica Cernigliaro**

**Vs**

**Godwin Guntrip**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Marica Cernigliaro fid-9 ta' Novembru 2010, permezz ta' liema tippremetti li bis-sahha ta' sentenza fl-ismijiet "Marica Cernigliaro v. Godwin Guntrip" Avviz Nru. 1212/01AE deciza fit-23 ta' Novembru 2001, hija giet kanonizzata kreditrici ta' l-intimat fl-ammont ta' Lm200 (illum ekwivalenti ghal €465.87), oltre l-imghax legali u l-ispejjez giudizzjarji; illi ghadha ma esegwietx l-imsemmija sentenza fil-konfront ta' l-intimat u sa' illum ghaddew iktar minn hames (5) snin minn dakinhar meta setghet tigi esegwita tali sentenza u billi ghad ghandha interess tesegwixxi tali sentenza stante li l-ammont in

kwistjoni ghadu dovut fl-intier tieghu, titlob li l-effetti tas-sentenza fuq citata jergghu jitpoggew fis-sehh u tkun awtorizzata tesegwixxi s-sentenza msemmija;

Rat is-sentenza pronuncjata mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fit-23 ta' Novembru 2001 wara l-kawza fl-ismijiet "Marica Cernigliaro v. Godwin Guntrip" Avviz Nru. 1212/01AE, annessa mar-Rikors promotur;

Rat li b' Digriet datat 15 ta' Novembru 2010 ir-Rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-16 ta' Dicembru 2010 fid-9:30a.m., u gie ordnat li l-istess Rikors u Digriet jigu notfikati lill-intimat bi zmien ghaxart (10) ijiem ghar-Risposta;

Rat illi r-Rikors u d-Digriet imsemmija gew debitament notifikati lill-intimat izda naqas milli jipprezenta Risposta entro t-terminu prefiss u lanqas deher ghas-seduti iffissati mill-Qorti;

Rat illi l-kontenut tar-Rikors promotur gie debitament ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrent waqt is-seduta tas-16 ta' Dicembru 2010 u kkonfermat li ma thallset xejn mill-ammont dovut lilha mill-intimat;
Rat l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti l-ohra tar-Rikors;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li ghaddew iktar minn hames (5) snin minn dakinhar li fih skond il-Ligi t-titolu ezekuttiv tar-rikorrenti fil-konfront ta' l-intimat kif nascenti mis-sentenza fl-ismijiet "Marica Cernigliaro v. Godwin Guntrip" Avviz Nru. 1212/01AE deciza mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fit-23 ta' Novembru 2001, seta' jigi esegwit fil-konfront tieghu.

Illi r-rikorrenti kkonfermat il-kontenut tar-Rikors taghha u li ghadha ma thallset xejn minn dak lilha dovut mill-intimat.

Illi l-intimat ma kkontestax ir-Rikors promotur billi ma ipprezentax Risposta entro t-terminu lilu prefiss u lanqas deher ghas-seduti ffissati mill-Qorti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tar-rikorrenti tirrizulta gustifikata u debitament ippruvata, il-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta tilqa' it-talba u tawtorizza lir-rikorrenti tesegwixxi kontra l-intimat, permezz tal-Mandati Ezekuttivi opportuni, it-titolu ezekuttiv taghha fil-konfront tieghu nascenti mis-sentenza fl-ismijiet "Marica Cernigliaro v. Godwin Guntrip" Avviz Nru. 1212/01AE deciza mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fit-23 ta' Novembru 2001; bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------